MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tad-9 ta' Lulju, 2013

Numru 1368/2010

Il-Pulizija
(Spettur Robert Vella)
vs
Michael Mercieca

Il-Qorti,
Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat ta’ karta ta’ identita’ numru 507163 (M), akkuzat talli:

1. Fl-20 ta’ Mejju 2010 u fil-gimghat ta’ qabel din id-data f’dawn il-Gzejjer, ghamel falsifikazzjoni f’att awtentiku u pubbliku u cioe licenzja tal-vettura bin-numru tar-registrazzjoni LAE 934 jew fi skrittura kummercjali jew ta’ bank privat, b’falsifikazzjoni jew b’tibdil fl-istrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f’dawk l-atti jew skritturi, wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi

dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw u dan bi ksur ta’ l-Artikolu 183 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. U iktar talli fl-istess perjodu ta’ zmien u cirkostanzi, f’dawn il-Gzejjer, xjentement ghamel uzu minn att, kitba jew skrittura falza u cioe licenzja tal-vettura bin-numru tar-registrazzjoni LAE -934 u dan bi ksur ta’ l-Artikolu 184 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

3. U iktar talli fl-istess perjodu ta’ zmien u cirkostanzi, f’dawn il-Gzejjer, sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih nnifsu jew ghal haddiehor, f’xi document mahsub ghal xi awtorita pubblika u cioe licenzja tal-vettura bin-numru tar-registrazzjoni LAE-934 u, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew ta taghrif falz u dan bi ksur ta’ l-Artikolu 188 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

4. U iktar talli f’dawn il-Gzejjer, fl-istess perjodu ta’ zmien u cirkostanzi ghamel falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamel uzu minn xi document iehor falsifikat u cioe licenzja tal-vettura bin-numru tar-registrazzjoni LAE 934 u dan bi ksur ta’ l-Artikolu 189 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

5. U iktar talli f’dawn il-Gzejjer, fl-istess perjodu ta’ zmien u cirkostanzi ghamel uzu minn marka ta’ registrazzjoni xorta ohra minnj dik moghtija minn TM dwar xi vettura bil-mutur partikolari u dan bi ksur ta’ Artikolu 44(c) tal-Avviz Legali 198/2009;

6. U iktar talli f’dawn il-Gzejjer, fl-istess perjodu ta’ zmien u cirkostanzi kif ukoll wahhal mal-vettura van Transit pjanci bin-numru tar-registrazzjoni li ma kienux jirreferu jew jappartjenu ghal dik il-vettura partikolari u dan bi ksur ta’ l-Artikolu 32(5) tal-Avviz Legali 198/2009

7. U iktar talli fl-istess dati, hin, lok u cirkostanzi, f’dawn il-Gzejjer ma kienx kopert b’polza ta’ sigurta dwar terzi persuni u dan bi ksur tal-Artikolu 3 tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat in-nota tal-Avukat Generali biex il-kawza ssir sommarjament, mhux opposta;

Semghet ix-xhieda;

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkonsidrat

L-imputazzjojnijiet jipotizzaw: il-falsifikazzjoni u l-uzu xjenti tieghu, l-ghemil xjenti ta' dikjarazzjoni falza u l-uzu taghha lil Awtorita Pubblika, l-uzu u twahil ta' pjanci ta' registrazzjoni irregolari, in-nuqqas ta' kopertura b'polza ta' assikurazzjoni.

Mill-provi u t-trattazzjoni jidher li l-imputat ghandu jinstab hati tal-hames u s-sitt imputazzjoni.

Rat ir-Regolament 44(c) u 32(5) tal-Avviz Legali 189/2009.

Tikkundannah ghal multa komplessiva ta' 100 Euro.

A.M.Trigona
Magistrat

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------